MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 1398/2000/1

**John u Catherine konjugi Camilleri f'isimhom proprju; u li b'Digriet tas-17 ta' Marzu 2003 gew nominata bhala legittimi rapprezentanti u kuraturi *ad litem* ta' binthom minuri Diana Camilleri kif ukoll tal-minuri Naomi Grech.**

**vs**

**Darren Grech.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fis-27 ta' Frar 1998 twieldet tifla Naomi mill-konvenut Darren Grech u l-minuri Diana (Dok. "A");

Illi Diana hija minuri, l-atturi John u Catherine mizzewgin Camilleri qeghdin jidhru bhala legittimi rapprezentanti taghha (Dok. “B”) u kuraturi *ad litem*;

Illi l-konvenut naqas li jmantni lill-imsemmija bintu minuri Naomi;

Illi l-istess atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiffissa retta alimentarja ghall-minuri Naomi;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi jew min minnhom ir-retta alimentarja fuq iffissata;

3. Tiffissa d-data minn meta din ir-retta alimentarja kellha u ghandha tithallas.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 6 tal-process;

Rat ir-rikors tal-atturi datat 6 ta’ Lulju 2000 fejn talbu li jigu mahtura kuraturi *ad litem* tal-minuri Diana u tal-minuri Naomi, liema rikors gie degretat fis-17 ta’ Marzu 2003.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tas-26 ta’ Jannar 2001 a fol. 11 fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament filwaqt li l-konvenut ma jichadx li huwa missier it-tarbija, huwa jirrileva li sa sena u nofs ilu huwa kien ghadu student fis-*Sixth Form* u ghalhekk kulma kellu kien stipendju li ma kienx jippermettilu jhallas il-manteniment.

2. Illi sussidjarjament u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut jeccepixxi li *stante* li omm il-minuri

Naomi hija mpjegata, huwa m'ghandux jerfa' l-piz intier tal-hlas tar-retta alimentarja;

3. Illi sussidjarjament u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost il-konvenut jeccepixxi li huwa qatt ma thalla jara lill-minuri Naomi;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 12 sa 14 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tas-7 ta' Frar 2001 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Mariella Gonzi bhala Assistent Gudizzjarja sabiex tigbor il-provi; tat-13 ta' Gunju 2001; tad-19 ta' Novembru 2001; u tal-10 t'April 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace.

Rat ir-rikors tal-konvenut tat-8 ta' Marzu 2002 fejn il-konvenut talab li jinghata access ghall-istess minuri Naomi, u wkoll li kull decizjoni fil-konfront tal-minuri Naomi tittiehed bi qbil bejn il-partijiet u fin-nuqqas tal-istess b'decizjoni tal-Qorti.

Rat ir-risposta tal-atturi datata 18 ta' Marzu 2002.

Rat id-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili datat 29 ta' Jannar 1999 fejn l-konvenut inghata access ghall-istess minuri kull nhar ta' Sibt fl-10.00 a.m. sal-11.00.a.m. fir-residenza tal-konjugi Camilleri, b'dan li l-Qorti sostniet li tkun lesta li tvarja favorevolment ghall-konvenut tali access f'kaz li l-istess konvenut jaghmel l-arrangamenti necessarji sabiex jikkontribwixxi b'mod gust ghall-manteniment tal-istess minuri, kemm bhala arretrati, u kemm ghall-futur, u b'hekk jassumi verament id-dmirijiet ta' genitur.

Rat id-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili datat 20 ta' Settembru 2001.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 26 ta' April 2002 u d-Digriet ta' din il-Qorti datat 30 ta' April 2002 fejn cahdet it-talba.

Rat ir-risposta tal-atturi tat-18 ta' Marzu 2002.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-2 t'April 2002 fejn ordnat lir-rikorrent jipprezenta l-affidavits tieghu kollha u juri l-pozizzjoni attwali u l-access li qed jippretendi.

Rat ir-rikors tal-konvenut tas-26 t'April 2002, u d-digriet sussegwenti tal-Qorti fejn cahdet it-talba.

Rat in-nota tal-konvenut li konsegwenti ghad-Digriet tat-2 ta' April 2002 esebixxa l-affidavit tieghu u tal-mama' tieghu Mary Grech.

Rat in-nota tal-atturi datata 15 ta' Mejju 2002 fejn l-sitess atturi esebew l-affidavits ta' Diane Camilleri, Catherine Camilleri, u John Camilleri lkoll datati 14 ta' Mejju 2002.

Rat id-digriet tas-16 ta' Lulju 2002 fejn din il-Qorti ordnat lir-rikorrenti jindika l-manteniment li lest li jhallas ghall-minuri, abbazi tal-introjtu.

Rat in-nota tal-istess konvenut datata 19 ta' Lulju 2002 fejn in adempjenza mal-istess digriet iddikjara u pprezenta dak kollu rikjest minnu u ssuggerixxa li lest jissoministra manteniment ta' hamsin lira Maltin (Lm50) fix-xahar.

Rat in-nota responsiva tal-attrici Diana Camilleri datata 8 t'Awissu 2002 fejn indikat lill-Qorti li hija ghandha dhul gross ta' erbat elef, wiehed u disghin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm4,091.63) fis-sena, u rrilevat li qed tippretendi manteniment mensili ta' mitt lira Maltin (Lm100) fix-xahar, liema manteniment jawmenta ruhu skond l-gholi tal-hajja.

Rat ir-rikors tad-9 t'Awissu 2002 tal-konvenut fejn talab li r-rikors pendenti jigi trattat quddiem din il-Qorti.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tad-9 t'Awissu 2002 fejn appuntat l-istess rikors flimkien mar-rikors l-iehor

dwar l-estensjoni tal-access tar-rikorrenti ghas-16 ta' Awissu 2002.

Rat il-verbal tas-16 t'Awissu 2002 fejn l-attrici ddikjarat li ghandha dhul gross annwali ta' erbat elef u wiehed u tletin lira Maltin (Lm4,031) filwaqt li l-konvenut iddikjara li jaqla' mitejn u tlieta u disghin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm293.40) fix-xahar. Il-konvenut iddikjara li ilu jahdem sentejn, u obbliga ruhu li fi zmien hmistax-il gurnata jhallas lill-attrici l-alimenti ta' hamsin lira Maltin (Lm50) fix-xahar b'effett mis-6 ta' Lulju 2000 sal-llum. Dr. Vince Galea ghall-konvenut irtira cekk datat 3 t'Ottubru 2001 ta' tliet mija u hamsin lira Maltin (Lm350) li kien esebit fil-process. Il-partijiet obbligaw ruhhom li ghandhom jiltaqghu biex jiftehmu fuq manteniment, u ddikjaraw li bhalissa l-access huwa ta' siegha kull nhar ta' Sibt bejn l-10:00 a.m. u l-11:00 a.m. fid-dar tal-genituri tal-attrici. Bi ftehim bejn l-istess partijiet bhala prova l-access tal-minuri ma' missierha gie estiz ghal darba kull nhar ta' Sibt (meta jkun jahdem) mill-4:00 p.m. sas-7:00 p.m., filwaqt li meta ma jkunx xoghol l-access ikun mid-9:00 a.m. sa 12:00 p.m. (nofsinhar). Il-minuri ghandha tingabar u tittiehed lura mir-residenza tal-omm u tali access ghandu jsir bl-eskluzjoni ta' terzi persuni tas-sess oppost li m'humiex familjari tal-partijiet. Il-Qorti in vista tal-ftehim milhuq, iddikjarat li taddotta l-istess bhala digriet taghha kemm fir-rigward tal-access u anke rigward ta' manteniment provizorju u b'hekk gew degretati r-rikorsi pendenti tal-konvenut fuq indikati.

Rat il-verbal tat-2 t'Ottubru 2002 fejn Dr. Vincent Galea ghall-konvenut talab li jizdied l-access tal-istess konvenut ma' bintu l-minuri. Il-Qorti laqghet it-talba tad-difensur tal-konvenut sabiex jipprezenta nota t'osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu l-istess terminu ghan-nota responsiva. Il-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-27 ta' Marzu 2003.

Rat ir-rikors tal-attur John Camilleri datat 6 ta' Jannar 2003 u r-risposta tal-konvenut tal-20 ta' Jannar 2003.

Rat id-digriet sussegwenti ta' din l-Qorti diversament presjeduta fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess rikors tas-6 ta' Jannar 2003.

Rat ir-rikors tal-konvenut tal-20 ta' Marzu 2003 fejn talab ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, liema talba giet milqugha mill-Qorti b'digriet tal-21 ta' Marzu 2003.

Rat il-verbali tas-27 ta' Marzu 2003 fejn intalab differiment ghal cessjoni; tat-28 ta' Mejju 2003; tal-21 t'Ottubru 2003; u tad-9 ta' Dicembru 2003 fejn id-difensuri nfurmaw lill-Qorti li l-partijiet transigew u li esebew kopja tal-ftehim milhuq, esebiet bhala Dok. "A" datat l-1 ta' Dicembru 2003. L-istess partijiet talbu li l-imsemmi ftehim jigi nkorporat fis-sentenza finali. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 11 ta' Dicembru 2003 abbazi tal-ftehim milhuq.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarja, ix-xhieda hemm moghtija u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIET.</u>

Illi din il-kawza titratta dwar hlas ta' manteniment mill-konvenut ghal bintu Naomi li twieldet fis-27 ta' Frar 1998.

Illi permezz ta' ftehim datat l-1 ta' Dicembru 2003 l-partijiet, genituri tal-istess minuri ftehmu li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri ghandha tkun f'idejn l-attrici Diana Camilleri, u qablu lil-istess konvenut jkollu access kif indikat f'paragrafu erbgha (4) tal-istess ftehim kull nhar ta' Sibt fil-ghodu bejn id-9:00 a.m u 12:00 p.m. jew it-3:00 p.m. u 6:00 p.m. bil-kundizzjonijiet hemm indikati. Qablu wkoll li l-manteniment ghandu jkun ta' hamsin lira Maltin (Lm50) fix-xahar *verso* l-kundizzjonijiet ukoll hemm stipulati. Minbarra dan il-konvenut qabel u obbligu ruhu li jhallas l-ammont ta' seba' mitt lira (Lm700) Maltija bilanc

minn somma akbar rapprezentanti arretrati ta' manteniment.

Illi din il-Qorti thoss li l-ftehim bejn il-partijiet huwa fl-interess tal-istess minuri fic-cirkortanzi kollha tal-kaz u tawtorizza l-ezekuzzjoni tal-istess u sejra, kif mitluba, tinkorpora dan il-ftehim fid-decizjoni taghha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi abbazi tal-ftehim bejn il-partijiet datat l-1 ta' Dicembru 2003, liema ftehim jinsab esebit bhala Dok. "A" man-nota tal-partijiet ipprezentata fid-9 ta' Dicembru 2003, b'dan li prevja li tiddikjara li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri Naomi li twieldet fis-27 ta' Frar 1998 ghandha tigi fdata f'idejn l-attrici Diana Camilleri, bi dritt ta' access favur il-konvenut skond kif indikat f'paragrafu 4 tal-istess ftehim, u cjoe' kull nhar ta' Sibt fil-ghodu bejn id-9:00 a.m. u l-12:00 p.m. jew bejn it-3:00 p.m. u 6:00 p.m. filwaqt li l-genituri tal-istess minuri jaqblu li jekk il-konvenut ma jkunx jista' jezercita d-dritt ta' access fil-hin hemm stipulat, huwa ghandu l-fakolta', wara li jaghti pre-avviz lill-attrici omm, li jezercita dan id-dritt nhar ta' Gimgha bejn is-6:30 p.m. u d-9:30 p.m. taht l-istess kundizzjonijiet, jew fin-nuqqas f'gurnata ohra miftehma bejn il-partijiet bil-kundizzjoni li d-dritt ta' access ma ghandux jeccedi tliet sieghat konsekuttivi fil-gimgha, u ghalhekk **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) Tiffissa retta alimentarja ghall-minuri fl-ammont ta' hamsin lira Maltin (Lm50) fix-xahar, liema manteniment huwa dovut bil-quddiem fl-ewwel gurnata ta' kull xahar fir-residenza tal-omm jew f'post iehor li jigi miftiehem minn zmien ghal zmien bejn l-omm u l-missier, liema manteniment ghandu jithallas mill-missier sakemm il-minuri Naomi taghlaq it-tmintax-il sena (18), jew sakemm l-istess minuri tibda tahdem, skond liema avveniment isehh l-ewwel, kollox kif indikat f'paragrafu 2 tal-istess ftehim esebit u accettat bejn il-partijiet kollha fil-kawza. Jinghad ukoll li f'kaz li l-konvenut, ghal xi raguni li ma tkunx taht il-kontroll tieghu jkun qieghed (bla xoghol), l-

ammont ta’ manteniment ghandu jkun ta’ tletin lira Maltin (Lm30) fix-xahar u dan l-ammont jibqa’ jithallas mill-istess konvenut sakemm huwa jerga’ jibda jahdem. Dan kollu minbarra dak li jinghad dwar l-arretrati ta’ manteniment abbazi tal-paragrafu 3 tal-istess skrittura privata datata l-1 ta’ Dicembru 2003.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-istess minuri Naomi l-ammonti ndikati skond l-istess ftehim datat l-1 ta’ Dicembru 2003 kif indikati hawn fuq abbazi tal-ewwel (1) talba attrici.

3. Tiffissa bhala data meta tali mantement ghandu jithallas mill-konvenut, bhala dik id-data fil-fatt indikata fl-istess ftehim tal-1 ta’ Dicembru 2003, anke minhabba dak miftiehem dwar l-arretrati ta’ manteniment skond ir-raba’ (4) paragrafu tal-istess ftehim pre-citat.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------